

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1098/2010****tas-26 ta' Novembru 2010****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-orijini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Dresdner Christstollen/Dresdner Stollen/Dresdner Weihnachtsstollen (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mressqa mill-Ġermanja biex id-denominazzjoni "Dresdner Christstollen/Dresdner Stollen/Dresdner Weihnachtsstollen" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.

- (2) Ma kien hemm ebda oġġezzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006; din id-denominazzjoni għandha għalhekk tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni li tidher fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed tiġi rreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

<sup>(2)</sup> ĠU C 46, 24.2.2010, p. 17.

## ANNEX

Oġġetti tal-ikel imniżżlin fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 510/2006:

**Il-Klassi 2.4. Prodotti tal-furnar, kejkijiet, hlewviet jew gallettini**

IL-ĠERMANJA

Dresdner Christstollen/Dresdner Stollen/Dresdner Weihnachtsstollen (IĠP)

---